**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**PULIZIJA**
**(Spt. Roxanne Tabone)**
**(Spt. Christian Abela)**

**Vs**

**Mohamed Darge Owis**

**Illum il-11 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mohamed Darge Owis** ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, Nazzjonalita' Egizzjana, iben Darge u Aza imwieled l-Egittu nhar il-25 ta' Lulju 2000 u prezentament joqghod gewwa l-Gzejjer Maltin u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19II-065, akkuzat talli;

1. Fid-9 ta' Marzu 2022 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil fil-passaport jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport li hu kien jaf li gie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih (Kap. 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Sec 32 (1f) tal-Ligijiet ta' Malta)

4. Fid-9 ta' Marzu 2022 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ikkommetta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta' persuni inkarigati mill-kustodja taghhom (Kap. 9 Sec. 151 tal-Ligjiet ta' Malta)

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2022, jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li taghtu zmien biex jerga' jirrikonsidra, huwa rega' tenna l-ammissjoni ta' htija tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu gew sodisfacentament pruvati;

Ai fini ta' piena dina l-Qorti kkunsidrat in-natura gravi tar-reati li taghhom qed jinstab hati, l-ammissjoni tal-imputat fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u l-kooperazzjoni tal-imputat mal-pulizija.

**Decide:**

Ghaldaqsant, wara li rat l-Artikolu 189 u 151 tal-Kodici Kriminal tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammisjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' sena prigunerija effettiva.

Il-Qorti ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-corpus delicti.

Fl-ahhar net il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-assistenza kollha medika u psikjatrika hekk kif inhu necessarju.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur